Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Edmond Cuschieri]

vs

Carmel Polidano

Paul Polidano

Joseph C. Camilleri

Peter Paul Caruana

Kumpilazzjoni Numru: 360/13

Illum tmienja (8) ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Carmel Polidano (KI 506259M), Paul Polidano (KI 232165M), Joseph C. Camilleri (KI 898452M), u Peter-Paul Caruana (KI 488560M):

1. **Akkuzati Carmel Polidano u Paul Polidano talli fil-kapacita taghhom personali u/jew ta' diretturi ta' Polidano Brothers Limited, Joseph C. Camilleri fil-kapacita tieghu personali u/jew fil-kapacita tieghu ta' Direttur ta' Mays Corporation Ltd. (Profile Safety) u ta' Project Supevisor ghall-istadju tal-ezekuzzjoni u kif ukoll Peter-Paul Caruana bhala l-persuna responsabbli fuq is-sit hawn taht imsemmi talli fit-30 ta' April 2011 ghal habta tal-10:30a.m. fl-Ghadira/Cirkewwa, Triq Marfa, Mellieha, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti u minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja f'periklu car ikkagunaw hsara fil-gisem u/jew fis-sahha ta' Joseph Bugeja hekk kif iccertifikaw Dr. Malcolm Caruana (Reg. 2864) u Dr. Jonathan Joslin (reg. 1920) u dan ai termini tal-artikoli 226 (1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Akkuzati Carmel Polidano, Paul Polidano, u Peter-Paul Caruana wahedhom talli fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi naqsu milli jharsu is-sahha u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6 (1)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.

3. Akkuzati Carmel Polidano, Paul Polidano u Peter-Paul Caruana wahedhom talli fl-istess lok, data u cirkostanzi naqsu bhala persuni li jhaddmu li jizguraw s-Sahha u s-Sigurta' tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u jaghmlu arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidraw n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u naqsu wkoll li jiehdu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta' artikoli 3 (1) u 4 (1) (2) u (3) tal-A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

4. Akkuzati Carmel Polidano, Paul Polidano u Peter-Paul Caruana wahedhom talli fl-istess lok, data u cirkostanzi naqsu bhala persuni li jhaddmu li wara li jikkunsidraw n-natura tal-attivitajiet tal-impriza jidentifikaw l-perikli fuq il-post tax-xoghol u jevitaw riskji ghas-sahha u s-sigurrta', jevalwaw dawn ir-riskji li ma jistghux jigu evitati u jikkontrollawhom mill-bidu u jadattaw ix-xoghol ghall-individwu. Naqsu wkoll li jevalwaw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta', fost l-ohrajn ghazla tat-taghmir tax-xoghol, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u t-taghmir tal-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex iwettqu x-xoghol assenjat lilhom minghajr perikli u jizguraw li jsir titjib fil-livell ta' protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurta' u dan ai termini tal-artikoli 5 u 6 (1)(2) tal-A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

5. Akkuzat talli Joseph C. Camilleri wahdu talli fl-istess lok, data u cirkostanzi, naqas li jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispozizzjonijiet rilevanti sabiex jigi zgurat li l-kuntratturi, u jekk ikun mehtieg ghall-protezzjoni tal-haddiema, persuni mpjegati ghal rasom jsegwu l-pjan tas-sahha u sigurta'. Naqas li jorganizza koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inkluzi

**l-kuntratturi successivi fuq l-istess sit, koordinazzjoni ta' attivitajiet taghhom bl-iskop li jigu protetti l-haddiema u li jigu evitati incidenti u periklu li ghas-sahha fuq il-post tax-xoghol u nformazzjoni reciproka, hekk li jigi zgurat li persuni li jahdmu ghal rashom jiddahhlu f'dan il-process meta jkun hemm bzonnu tikkoordina arrangamenti sabiex jivverifikaw li l-proceduri tax-xoghol ikunu qedghin jigu mplimentati b'mod korrett u dan ai termini ta' l-artikoli 5 (a)(b)(e) tal-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29).**

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hmistax (15) ta' April tas-sena 2013 li fiha tat il-kunsens taghha sabiex il-proceduri odjerni jinstemghu sommarjament.

Rat l-atti tal-proces verbal bin-numru 270/2013 redatt mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona;

Rat l-atti kollha kif ukoll is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

## IKKUNSIDRAT

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Edmond Cuschieri li jghid li kien it-tletin (30) ta' April tas-sena 2011 fl-ghaxra u nofs ta' filghodu meta l-Pulizija giet infurmata gewwa Marfa Road fil-limit tac-Cirkewwa kien hemm haddiem li kien qieghed ihaddem high-up li accidentalment laqat over head hanging cable u ha xokk haddiem fuq il-post tant li wegga' b'mod gravi. Jghid li rrizulta eventwalment li dawn il-cables kienu ta' tlieta u tletin Voltagg (33V). Jghid li hu flimkien mal-kollegi tieghu accedew fuq il-post u stabbilew li kien ghaddej progett tat-Transport Malta u li dan il-progett kien gie kuntrattat lil Polidano Brothers Ltd. Jixhed li fil-hin tal-incident kien hemm tliet (3) haddiema fuq il-post fosthom il-parte civile Joseph Bugeja u li kien qieghed ihaddem il-high up. Jixhed ukoll li x-xoghol ta' dawn it-tliet (3) min-nies kien li jqieghdu l-barikati tal-konkrit.

Jghid li l-mod kif issir din il-bicca tinvolvi li wiehed jopera high up u jaqbdu wiehed mill-barikati sabiex iqeghduhom mal-genb. Jghid li waqt li l-parte civile qabad barikata wahda b'dan il-high up gie milqut il-cable ta' fuq. Izid jghid li t-trakk li kienu qed juzaw kellu

numru ta' registrazzjoni EAQ-073 u rrizultalu wkoll li l-parte civile kien inghata xi tip ta' tahrig mill-kumpanija Polidano Brothers Ltd u dan sabiex juruh kif ihaddem il-high up tant li fil-fatt l-istess parte civile nghatalu certifikat. Jghid li l-parte civile kien intbaghat ihaddem il-high up flimkien ma' certu Raymond Camilleri u Rosario Farugia. Izid jghid li Raymond Camilleri kien qieghed fil-kaxxa tat-trakk meta fil-hin tal-incident hu sema' hoss qawwi bhal sajjetta u hu rnexxielu jinzel mit-trakk qabel ma ha xokk. Jixhed ukoll li l-istess Raymond Camilleri kien ra toqba mal-art fejn kien ghadda l-kurrent filwaqt li l-istess elettriku faqqa' t-tyres tat-trakk. Il-parte civile ittiehed l-isptar u gie ccertifikat li kien qieghed fil-periklu tal-mewt filwaqt li l-Magistrat Inkwerenti dak iz-zmien u cioè l-Magistrat Dr Micallef Trigona kien ordna li ssir inkjesta.

Jixhed li l-parte civile Joseph Bugeja kien qieghed jopera l-jib dak il-hin tal-incident u li xoghlu kien li jhott barriers tal-konkos minn fuq it-trakk ghal mal-art. Jghid ukoll li t-temp dakinhar ma kienx temp ta' bnazzi. Izid jghid li l-parte civile kien ilu jahdem mal-kumpanija Polidano Brothers ghal madwar sena u nofs u li xoghlu kien li jsuq it-trakkijiet u jopera crane. Izid jghid li hu ma jafx min kien il-foreman dakinhar. Jixhed ukoll li l-imputati Peter Paul

Caruana jokkupa r-rwol ta' Site Manager filwaqt li Joseph Camilleri jokkupa r-rwol ta' Ufficjal tas-Sahha u s-Sigurtà. Izid jghid li filwaqt li Joseph Camilleri kien gie kkumissjonat minn Polidano Brothers, l-imputat Peter Paul Caruana huwa impjegat tal-istess socjetà. Ipprezenta ukoll il-PIRS report immarkat bhala Dok. ECX.

Illi xehed <u>**Dr Mario Buttigieg**</u> li kien mahtur mill-Magistrat Inkwerent sabiex jidderigi rapport dwar l-allegat reat. Jghid li dan l-incident sehh fit-tletin (30) ta' April tas-sena 2011 meta l-parte civile kien qieghed jopera crane tal-ghamla Leyland ERF u bin-numru EAQ-073. Izid jghid li t-trakk kien irregistrat fuq il-kumpanija ta' Polidano Group Ltd. li tinsab gewwa Hal Luqa. Jghid ukoll li fil-hin li sehh l-incident il-haddiema kienu kollha qeghdin jahdmu fuq overtime. Izid jghid li l-imputat Paul Polidano kien ta struzzjonijiet lill-parte civile sabiex jghabbi disgha (9) jersey blocks minn hdejn ir-Riviera Hotel u minn hemm kellu jehodhom lejn il-bidu tat-triq tac-Cirkewwa u dan sabiex jaghlaq it-triq. Jixhed li dak il-hin kien hemm certu Raymond Camilleri kif ukoll l-imputat Peter Paul Caruana li kien qieghed fil-kariga ta' kordinatur meta kellu jitlaq fuq xoghol iehor.

Izid jghid li meta l-parte civile kien ghad fadallu tliet (3) jersey blocks hu rcieva telefonata u ghalhekk mar fuq in-naha tal-lemin tat-triq stante li kien hemm storbju kbir gej mit-trakk. Jghid ukoll li meta lesta mit-telefonata tieghu hu mar biex ikompli jopera l-crane izda meta gholla l-jib dan laqat high tension cable li kien ghaddej f'dawk l-akkwati u kawza ta' hekk il-parte civile ha xokk. Jghid li skontu kien hemm livell ta' traskuragni min-naha tal-parte civile stante li ma operax il-crane b'mod sew tant li esponih ghal periklu. Izid jghid ukoll li kien hemm livell ta' traskuragni da parti tal-imputat Peter Paul Caruana stante li naqas meta telaq minn fuq il-post tax-xoghol u li ma baqax mal-haddiema tieghu. Jixhed li konsegwenza ta' dan il-parte civile spicca midrub b'griehi serji tant li tilef idejh, siequ u partijiet ta' gismu spiccaw mahruqin. Jikkonkludi wkoll li kien hemm certu perjodu fejn il-parte civile kien anke fil-perklu tal-mewt filwaqt li t-trakk mertu tal-kawza kien anke sofra hsarat.

Jixhed ukoll li wasal ghal konkluzjoni li l-parte civile kien traskurat f'xoghlu stante li kien qieghed fuq banketta tal-hadid sabiex jopera l-crane. Peres li tali banketta kienet tal-hadid il-kurrent tal-elettriku kien ghaddej. Jixhed li tali banketta kienet instabet vicin

it-trakk mertu tal-kawza. Jispjega li l-parte civile huwa impjegat tal-imputati. Ikompli jispjega li l-imputat Peter Paul Caruana huwa impjegat tal-imputati Polidano filwaqt li l-imputat Raymond Camilleri tqabbad mill-imputati Polidano bhala sottokuntrattur. Jghid ukoll li filwaqt li l-ahwa Polidano mhumiex il-kuntratturi xorta wahda huma kienu qeghdin isegwu x-xoghol.

Illi xehed Joseph Saliba inrapprezentanza tal-ETC li pprezenta l-Istorja tal-impjieg tal-parte civile Joseph Bugeja liema rapport gie mmarkat bhala Dok. JS1. Jixhed li fit-tletin (30) ta' April tas-sena 2011 il-parte civile kien impjegat ma' Polidano Brothers Ltd.

Illi xehed Eric Montfort inrapprezentanza tal-Enemalta Corporation li jghid li l-istess korporazzjoni qatt ma rceviet talba biex jinqata' l-elettriku fid-data tat-tletin (30) ta' April tas-sena 2011. Izid jghid li l-istess irrizultalu meta ccekkja jekk id-distrett ta' Bugibba kienx baghat lill-korporazzjoni talba sabiex jinqata' l-elettriku.

Illi xehed Charles Micallef li huwa l-Ufficjal Principali ghas-Sahha u Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol fi hdan l-OHSA. Jghid li fit-tletin (30) ta' April tas-sena 2011 kien mar fuq il-post fejn sehh l-allegat reat

u cioè Triq Marfa gewwa l-Mellieha stante li kien gie infurmat li sehh incident. Jghid li f'tali incident kien hemm haddiem li spicca f'periklu tal-mewt minhabba l-fatt li waqt li kien qieghed juza l-high up hu laqat high tension cable b'kurrent ta' tlieta u tletin (33) volt. Jghid li fuq il-post kien tkellem mal-imputat Peter Paul Caruana li stqarr mieghu li huwa l-Project Manager f'isem il-kumpanija Polidano Group. Jixhed ukoll li wara li ghamel ir-ricerki tieghu hu seta' jikkonferma li l-progett kien qieghed jigi mmexxi minn joint venture bl-isem ta' Polidano Gustino Joint Venture. Izid jghid ukoll li Peter Paul Caruana kien spjegalu li l-parte civile kien ilu jahdem mal-kumpanija Polidano Group ghal madwar sentejn (2).

Jghid li meta acceda fuq il-post hu kien gibed diversi ritratti liema ritratti gew esebiti u mmarkati bhala Dok. CM1 u Dok. CM2. Jghid li r-ritratti numerati wiehed (1) u tnejn (2) esebiti f'Dok. CM1 juru x-xena li sab meta acceda fuq il-post filwaqt li r-ritratti numerati tlieta (3) u erbgha (4) juru fejn il-highup laqat il-cable stante l-harqa li tidher fuq l-istess highup. Izid jghid li fir-ritratt hamsa (5) u sitta (6) tidher il-banketta li kien qieghed juza l-parte civile sabiex jopera l-crane. Jixhed ukoll li hu kien anke kellem lill-

imputat Paul Polidano kif ukoll lil Mario Camilleri li huwa l-Ufficjal tas-Sahha u s-Sigurtà mal-kumpanija tal-Polidano Group. Izid jghid li hu ma kellimx lill-vittma stante li l-Magistrat Inkwerenti ma ppermettihx. Jghid ukoll li skont l-imputat Peter Paul Caruana x-xoghol li kellu jaghmel il-parte civile kien li jccaqlaq blokkijiet tal-konkos u dan tramite il-high up. Jixhed li r-risk assessment ta' dan il-progett kien gie kkumpilat mill-kumpanija AME li hija kumpanija ta' Konsulenti tas-Sigurtà u s-Sahha tali risk assessment gie esebit u mmarkat bhala Dok. CM5.

Jixhed li rakkomandazzjoni minnhom minn din il-kumpanija kienet li hu idoneu li wiehed izomm distanza ta' madwar sitt (6) metri minn wires li minnhom ghaddej kurrent tal-elettriku dan stante l-possibbiltà li tramite l-umdità l-kurrent jaf jaqbad ma' kwalunkwe tip ta' hadid li jkun fil-vicin tieghu. Jixhed ukoll li Peter Paul Caruana ma kienx prezenti meta sehh l-allegat incident stante li kien mar jara xi xoghol lura l-ufficcju. Jghid però li ma kienx jaf min kien prezenti fuq il-post stante li ma setax ikellimhom fuq l-ordni tal-Magistrat Inkwerenti. Izid jghid ukoll li dan il-progett kien ilu jsehh ghal ftit gimghat u li dan il-progett kien wiehed twil. Jghid ukoll li skontu minflok banketta tal-hadid il-parte civile

messu uza banketta tal-injam. Mizura ohra li kellha tkun adottata hi li t-trakk kellu jkun taht l-injam u mhux fuq it-tarmac. Jghid li Peter Paul Caruana infurmah li l-parte civile kien imharreg sabiex juza l-crane u li tali tahrig sar fi zmien sentejn (2). Izid jghid ukoll li dak il-hin li acceda fuq il-post kien hemm ufficjali tal-Enemalta li tfew l-elettriku fiz-zona tal-allegat incident.

Illi xehed <u>**Raymond Camilleri**</u> li jghid li fit-tletin (30) ta' April tas-sena 2011 kien qieghed Triq il-Marfa jahdem gol-kaxxa tat-trakk stante li kellu bzonn icaqlaq il-barriers meta darba minnhom beda jitrieghed it-trakk u hu qabez. Jghid li hu jahdem fil-kumpanija ta' Polidano Brothers. Izid jghid li xoghlu kien li waqt li kien fil-kaxxa tal-high up il-parte civile kien iqabbad il-ganc tal-istess high up, u jwahhal il-virga. Jispecifika li fuq ir-ritratt numru wiehed tad-dokument immarkat CM1 hu kien gol-kaxxa tat-trakk iwahhal il-ganc meta hass it-trakk jitrieghed. Jghid li dak il-hin hu dar u seta' jara lill-parte civile mal-art stante li kien ghadu kif ha xokk. Jghid li qabel ma ha xokk, il-parte civile kien fuq in-naha ta' gewwa tat-trakk ihaddem il-lievi. Ikompli jixhed li dakinhar iltaqa' mal-parte civile filghodu sabiex jghabbu l-konkos u jehduhom ic-Cirkewwa. Jixhed li l-iskop li jnizzlu l-barriers tal-konkos kien biex

jisseparaw it-triq minn mal-progett. Jixhed ukoll li l-process li sehh sabiex jibdew ihottu l-barriers kien li l-parte civile ipparkja l-high up u hareg l-outriggers. Jghid li l-parte civile kien qieghed jopera l-highup fuq in-naha tal-passiggier. Izid jghid li waqt li kienu qeghdin jaghmlu x-xoghol u jhottu l-barriers hu ma rax lill-parte civile fil-mument ta' meta sehh ix-xokk izda li sema' tisbita dar u ra lill-istess parte civile mal-art.

Illi xehed il-parte civile <u>**Joseph Bugeja**</u> li jghid li fit tletin (30) ta' April tas-sena 2011 kien ilu impjegat mal-kumpanija Polidano Brothers ghal zmien disgha (9) xhur. Jghid li qabel dawk id-disa' (9) xhur hu kien ilu jahdem mal-kumpanija ghal zmien ghaxar (10) snin meta waqaf u hadem ma' kuntrattur iehor. Jghid li dakinhar tal-allegat incident xoghlu kien li jmur jghabbi l-casing tal-piler mid-Dwana u jehodhom ic-Cirkewwa. Izid jghid li dan il-casing ghabbihom fuq il-high up tal-kumpanija. Jghid li meta wasal ic-Cirkewwa kien hemm dak li kien qieghed jahdem bil-piler u kien hemm iehor li kien qieghed isuq it-tower crane. Jghid li l-ewwel ix-xoghol tieghu kien jinvolvi li jhott il-casing gewwa t-terminal tac-Cirkewwa. Jixhed li minn hemm qalulu biex imur jghabbi r-road barriers. Jghid li kien l-imputat Peter Paul Caruana li qallu biex

imur jghabbi r-road barriers. Jixhed ukoll li sakemm stenna biex jasal xi hadd halli jghinu ghamlet halba xita ghal madwar ghaxar (10) minuti. Izid jghid li fil-fatt wasal certu Raymond Camilleri sabiex jghinu jghabbi barriers li huma tal-konkos.

Ikompli jixhed li hu pprepara l-high up u beda jhott il-barriers minn fuq l-istess high up ghal mal-art u dan bl-iskop li jisseparaw it-triq minn mas-sit ta' fejn kien ser isehh il-progett skedat. Jghid li kienet l-ewwel darba li kien qieghed ihott fuq dak il-post. Izid jixhed li hu pprepara l-high up b'tali mod li jkun jista' jhott erba' (4) barriers minflok ma jhott tnejn (2) jerga' jzarma u jkompli. Jghid li biex jaghmel hekk kellu johrog l-outriggers u cioè s-saqajn li kienu erbgha (4). Minn dawk l-erbgha (4) huwa hareg wiehed (1) li jinsab fuq in-naha tal-passiggier. Jghid ukoll li hu beda jhott il-barriers wahda wahda u li kellu xi hadd biex jaqla' l-katina minn mar-road barrier u persuna ohra biex iqabbadlu l-katina minn mar-road barrier. Jixhed li wara li ghabba l-ewwel erba' (4) jew hames (5) barriers ircieva telefonata rigward ix-xoghol. Izid jghid li hu wiegeb ghal din it-telefonata. Ikompli jixhed li l-kontrolli tal-high up kienu wara l-gabina li kienet fuq in-naha tal-passiggiera. Jghid li meta rega' kompla x-xoghol u dan billi hares jekk il-jib tal-

crane kienx qieghed imiss mal-cables li kienu fl-akkwati u fil-fatt ikkalkula li kien hemm distanza ta' madwar ghaxar (10) pulzieri. Jghid li hekk kif mess il-kontrolli ha x-xokk.

Jghid li kien hemm prezenti banketta tal-hadid tieghu sabiex ikun jista' juzaha u jlahhaq mal-high up stante li mhux dejjem ilahhaq bil-lievi. Izid jghid li u ma uzahiex dakinhar. Jixhed li l-banketta nizzilha mill-high up u ghamilha mas-sieq tal-istess high up. Izid jghid li meta ha x-xokk mexa erba' (4) passi u mbaghad waqa' mal-art stante li telqitlu s-sahha minn saqajh. Jixhed li fil-fatt l-isptar kellhom jaqtghulu saqajh barra kif ukoll id wahda (1). Jixhed ukoll li llum il-gurnata l-indipendenza tieghu spiccat.

Illi rega' xehed <u>Dr Mario Buttigieg</u> riprodott mill-prosekuzzjoni li jghid li meta ha x-xhieda tal-Perit Robert Zerafa dan kien xehed li t-tender ta' dan il-progett kien inhareg fil-fazi tad-disinn u li kien inhareg pjan tas-sahha u sigurtà mill-kumpanija ABD Consultants. Jghid li tali pjan kien jinkludi informazzjoni dwar high tension wires li kienu ghaddejjin fiz-zona fejn sehh l-incident. Jghid li l-kumpanija ABD Consultants m' ghamlitx spezzjonijiet fuq is-sit stante li din kienet ir-responsabilità tal-imputat Joseph Camilleri.

Jghid li Joseph Camilleri kien xehed quddiemu li huwa koordinatur kif ukoll ufficjal tas-sahha u s-sigurtà. Jghid li dak iz-zmien ir-rapport rigward is-sahha u s-sigurtà kien imhejji minn certu perit Robert Zerafa nkarigat mit-Transport Malta u l-istess rapport gie mghoddi lill-Perit Demicoli li wkoll kien inkarigat mit-Transport Malta. Jghid li Joseph Camilleri qatt ma kkomunika dan ir-rapport lill-kuntratturi. Jixhed ukoll li jersey blocks huma barriers li jintuzaw biex jaghlqu toroq u normalment ikunu tal-plastik u mimlijin bl-ilma jew bir-ramel.

Illi xehed <u>**Mario Camilleri**</u> li jghid li huwa d-direttur tal-kumpanija AME u li tali kumpanija toffri servizzi ta' konsulenzi f'tahrig u kostruzzjoni. Jghid li hu gie avvicinat mill-kuntrattur u cioè Polidano Group sabiex joffri servizz ghall-progett gdid li kien ser isehh li kien jikkonsisti f'triq gdida bejn il-Mellieha u c-Cirkewwa. Izid jghid li sa dak il-hin ma kienx beda x-xoghol izda kien ghadu fil-fazi ta' site setup u cioè jkun qed isir ippjanar dwar fejn ser jitqieghdu l-ufficini. Jghid ukoll li l-kumpanija tieghu hejjiet ir-Risk Assessment izda da parti tal-kumpanija Polidano Group hadd ma avvicina l-kumpanija bi Pjan tas-Sahha u Sigurtà Jghid li di fatti l-kuntrattur (cioè l-kumpanija) qatt ma informa lill-kumpanija AME

min hi jew min hu l-Project Supervisor tax-xoghlijiet li kienu qeghdin jigu ppjanati li jsiru fil-post fejn sehh l-allegat reat. Ipprezenta zewg (2) risk assessments immarkati bhala Dok. MC1 u Dok. MC2. Jispjega li f'tali rapporti huwa jelenka r-riskji li jistghu jsehhu fuq il-postijiet tax-xoghol kif ukoll rakkomandazzjonijiet ta' kif dawn ir-riskji ghandhom jigu evitati. Jghid li tali rakkomandazzjonijiet gew mghoddija lil Peter Paul Caruana.

Ikompli jghid li a rigward l-imputat Peter Paul Caruana hu kien ikun efficjenti u kooperattiv f'dak li ghandu x'jaqsam is-Sahha u s-Sigurtà. Jixhed ukoll li fid-data meta sehh l-allegat incident hu ma kienx prezenti. Izid jghid li mill-esperjenza tieghu l-incident seta' jigi evitat izda jinnota li l-parte civile kien imharreg, risk assessment kien gie finalizzat u l-loader kien certifikat. Jghid li ma jafx jekk il-Project Manager kienx irrakkomanda li jintuzaw il-jibs dakinhar tal-allegat incident.

Illi xehed <u>l-Inginier Godfrey Muscat</u> li jghid li hu jahdem b'mod privat. Jghid ukoll li hu kien ta' kors dwar l-operat ta' crane u makkinarju. Jghid li kien izomm l-attendenza, jghaddiha lis-segretarju u fl-ahhar kien johrog ic-certifikat milli jiffirma l-istess

u jghaddiha lill-President tal-Kamra tal-Inginiera. Jixhed li dan il-kors hu organizzat mill-Kamra tal-Inginiera. Jghid li specifikament ma jiftakarx lill-imputat stante li jkollu hafna studenti izda la darba hu ffirma c-certifikat tieghu allura sinjal li hu hass li l-parte civile kien kompetenti bizzejjed sabiex jopera crane. Jghid li l-kors kien gie mhallas mill-principal. Ix-xhud ipprezenta dokumenti kontenenti PowerPoints li juru kif kien isir il-kors (immarkati bhala Dok. GM1).

Illi xehed <u>l-Inginier Saviour Baldacchino</u> li jghid li huwa jipprattika l-professjoni ta' inginier tal-elettriku. Jghid ukoll li huwa impjegat mal-EneMalta. Jixhed li fis-sena 2011 kien ghadu jahdem ghal rasu u li anke kien president tal-Kamra tal-Inginiera. Jikkonferma l-firma tieghu a fol. 123 tal-atti processwali li huwa c-certifikat moghti lill-parte civile wara li ha sehem fil-kors ta' kif ghandu jopera crane. Jixhed li tali kors ma kienx moghti minghandu izda huwa kien biss president tal-Kamra tal-Inginiera.

Illi xehed <u>Perit John Demicoli</u> li jghid li hu jahdem mal-entità Transport Malta. Jghid li hu jokkupa l-kariga ta' Head of Quality Assurance u li fis-sena 2011 hu kien Project Leader fuq diversi

progetti, fosthom il-progett mertu tal-kawza. Izid jghid li qabel ma nhatar bhala Project Leader hu kien jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-istess progett. Jghid ukoll li hu ma kienx imur fuq il-post b'mod regolari stante li l-entità Transport Malta kien iktar kellu rwol ta' klijent. Jixhed li kienet inhatret supervisor minn kumpanija barranija sabiex tiehu hsieb is-sahha u s-sigurtà tal-progett. Jghid li x-xoghol tal-kostruzzjoni nghata lill-join venture bl-isem ta' Polidano Gustini SPA u eventwalment tali xoghol inghata lill-Polidano Brothers. Ikompli jghid li r-rapporti a rigward is-sahha u s-sigurtà ma kinux jigu minghand l-imputat Joseph Camilleri izda minghand il-kumpanija barranija u cioè Kocks Consult. Izid jghid li seta' kien hemm mumenti fejn xi hadd gibidlu l-attenzjoni fuq xi irregolaritajiet a rigwrad is-sahha u s-sigurtà. Ipprezenta dokumentazzjoni mmarkat bhala Dok. JD1.

Illi xehdu <u>Ray Barbara</u> u <u>Nicholas Debono</u> kontestwalment li jghidu li jahdmu fi hdan id-ditta AME Health & Safety Consultants. Jghidu li fil-fatt huma kienu jaghmlu xoghol relatat mas-sigurtà u s-sahha. Jixhdu li r-rapport a fol. 159 tal-atti processwali gie redatt minnhom u dan wara talba tat-Transport Malta. Tali rapport huwa pjan ta' sigurtà u s-sahha fir-rigward it-triq mertu tal-kawza.

Jghidu li dan id-dokument gie pprezentat lit-Transport Malta u dan fil-fazi inizzjali tal-progett. Jixhdu wkoll li wiehed mir-riskji li analizzaw fil-pjan li dderigew kien ir-riskju tal-elettriku u specifikament l-elettriku ghaddej mill-overhead cables. Ikomplu jghidu li r-rakkomandazzjoni taghhom hi stipulata a fol. 238 tal-atti tal-Inkjesta Magisterjali u cioè li:

> *"The contractor should notify the client sufficient time in advance to remove, isolate or relocate overhead power lines and other overhead supplies when the undertakings involve a risk of electrocution or damage caused by direct contact of equipment or installation"*

Illi rega' xehed <u>l-Inginier Godfrey Muscat</u> li jghid li f'Dicembru tas-sena 2010 inghata kors dwar is-sahha u s-sigurtà lill-parte civile. Jghid li tali tahrig kien jikkonsisti parti minnha teorija u parti ohra prattika. Jixhed ukoll li t-teorija kien jikkonsisti fost ohrajn f'aspetti legali tas-sahha u s-sigurtà, tipi differenti ta' cranes u principji ta' kif jahdem crane. Izid jghid li l-kors huwa ta' wiehed u ghoxrin (21) siegha maqsum f'temp ta' sitt (6) sighat kull nhar ta' Sibt. Jghid li n-nies li kienu jattendu l-kors kienu nies ta'

esperjenza u li l-materjal kien jikkonsisti fuq dettalji specifici ta' kif wiehed jopera crane. Jixhed ukoll li wiehed mis-suggetti li ffoka fuqhom kien it-temp. Izid jghid li fuq dan l-ahhar suggett dahal fid-dettall dwar meta jkollok rih qawwi jew hafna xita kif ghandek topera crane. Jixhed ukoll li parti minn das-suggett kien anke jinkorpora l-perikli meta jkun hemm is-sajjetti kif ukoll il-high tension cables. Jghid li fuq dan l-ahhar kuncett kien emfasizza hafna dwaru stante li kien hemm kazijiet lokali fejn mietu haddiema Maltin.

Ikompli jixhed li hu kien anke janalizza kif kull student tal-kors kien jopera l-crane. Izid jghid li meta crane jolqot ma' high tension cables idealment wiehed ghandu jibqa' hemmhekk u jekk wiehed ghandu johrog mill-crane mela allura hemm protokol li ghandu jigi segwit fosthom li timxi tali mod li ma jkunx hemm distanza kbir bejn is-saqajn. Jghid però li jekk wiehed ikun qieghed jopera l-crane minn barra allura haddiem idealment ikollu fuqu bocci tac-ceramika u dan sabiex iwaqqfu l-kurrent tal-elettriku milli jghaddi. Jghid li banketta tal-hadid idealment ma jintuzax izda jekk haddiem ikun qieghed jopera crane b'lievi li ghandhom bocci tac-ceramika allura dan ghandu jkun mod kif tista' tipprevjeni milli tigi

milqut mill-elettriku. Il-bocci tac-ceramika huma parti essenzjali tal-crane u huma parti tal-lievi. Jixhed li l-lievi tal-crane mertu tal-kawza huma mghottijja b'materjal li jipprevjeni l-elettriku milli jghaddi.

Jixhed ukoll li anke jekk wiehed ikollu jiehu dawn il-prekawzjonijiet xorta wahda wiehed mhux garantit li ma jintlaqatx minn kurrent ta' elettriku u dan stante possibiltà ta' surcharge u cioè jkun ghaddej kurrent iktar mis-soltu. Jghid li meta jkun qed isir xoghol hdejn high tension cables l-iktar haga sikura hija illi wiehed izomm hafna 'l boghod u li anke jkun hemm l-involviment tal-EneMalta. Izid jghid li risk assessment huwa essenzjali stante li xorta hemm possibilità li minkejja li wiehed izomm id-distanza xorta jista' jintlaqat.

Illi xehed **<u>Dr Franco Agius</u>** li jghid li hu jahdem bhala Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Kuntratti. Ipprezenta l-kundizzjonijiet kuntrattwali tat-tender li ghandu x'jaqsam mal-progett mertu tal-kawza. Izid jghid li l-kuntratt kien originarjament intrebah minn Polidano Gustino Joint Venture u sussegwentement kien sar emenda fejn il-kuntratt kien gie trasferit lil Polidano Brothers Ltd.

Illi rega' xehed **Dr Mario Buttigieg** riprodott mid-difiza li jghid li l-parte civile kien xehed quddiemu li f'hin minnhom dakinhar tal-allegat reat hu kellu jwiegeb ic-cellulari u ghalhekk halla t-trakk mixghul. Jixhed li idealment il-parte civile kellu jitfi t-trakk jew inkella jqabbad lil xi haddiehor jopera t-trakk. Mistoqsi jekk il-parte civile kellux bzonn jgholli l-jib kollu jew kellux ghalfejn jifthu b'mod orizzontali jghid li skont hu ma kellux ghalfejn. Jixhed li l-blokok ma kinux tqal hafna. Izid jghid li l-fatt li l-parte civile kien qieghed juza banketta tal-hadid biex jopera l-lievi kienet kontribuzzjoni ohra da parti tal-parte civile biex sehh l-inicident. Jikkonferma wkoll li l-parte civile kien xehed quddiemu li din il-banketta kienet tieghu izda ma kienx qieghed juzaha u dan minkejja li kien hemm xhieda ohra li qalu li fil-fatt il-parte civile kien qieghed jaghmel uzu minnha. Jippreciza li l-banketta tal-hadid sabha maqluba mal-art u dan stante li ghadda kurrent tad-dawl minn go fiha. Jixhed li hemm probabbiltà kbira li l-parte civile kien qieghed fuq din il-banketta.

Jixhed ukoll li fuq il-post fejn sehh l-allegat reat seta' jinnota li ma' kull arblu kien hemm avviz li f'dawk l-akkwati kien hemm ghaddej high tension cables. Izid jghid li apparti minn dan kollu wiehed

seta' jisma' l-kurrent ghaddej. Jixhed li l-manuvra li ghamel il-parte civile bil-crane ma setghetx titiqies bhala wahda mhux sigura izda xorta wahda l-parte civile ma kellux ghalfejn jiftah il-jib kollu u l-anqas ma kellu ghalfejn jghollih hafna. Jixhed li s-saqajn tat-trakk ma kellhomx ghalfejn jintuzaw stante li l-blokok ma kinux tqal.

Illi rega' xehed <u>Mario Camilleri</u> riprodott mid-difiza li jghid li hu kien konsulent tal-kuntrattur ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-Sahha u s-Sigurtà. Jghid li hu kien jikkomunika kontinwament ma' Polidano Brothers Ltd u li kien dejjem ghamel l-ghalmu tieghu sabiex is-sit inkwistjoni jkun sigur. Izid jghid li da parti tal-kuntrattur dak kollu li kien hemm bzonn isir a rigward sahha u sigurtà sar. Jghid li haddiehor mill-kumpanija tieghu kien imur fuq is-sit u dan biex jaraw jekk il-konsulenza li qieghed jaghti hiex qieghda tigi segwita.

Illi xehed l-imputat <u>Carmel Polidano</u> minn jeddu li jghid li huwa d-direttur tal-kumpanija Polidano Brothers Ltd u li jaf lill-parte civile stante li kien jahdem maghhom u ried isuq il-cranes tal-istess kumpanija. Izid jghid li sabiex jaghmel dan kienu pprovdewlu l-

kors mehtieg. Jixhed ukoll li oggetti bhal hwejjeg u affarijiet protettivi jinghata lil kull impjegat. Jikkonferma li l-kors kien inghata mill-Kamra tal-Inginiera filwaqt li kien qabbad lil-kumpanija AME sabiex ihejju risk assessment. Jikkonferma wkoll li t-trakk mertu tal-kawza kien gie ccertifikat minn Inginier Jefrey Desira fis-sena 2010 kif ukoll fis-sena 2011. Jixhed li l-parte civile kien ghadda mill-kors u li tali kors dam gimaghtejn. Izid jghid li stante l-fatt li l-parte civile kien jahdem fuq crane allura bhala PPE hu kien jinghata highlighter jacket. Jghid ukoll li f'dan il-kaz ma jafx x'kien inghata lill-parte civile bhala affarijiet li setghu pprotegewh. Izid jghid li ma jafx jekk ir-risk assessment tal-kumpanija AME Ltd giex ikkomunikat lill-parte civile.

Illi xehed l-imputat <u>**Paul Polidano**</u> minn jeddu li jghid li huwa wiehed mid-diretturi tal-kumpanija Polidano Brothers Ltd u li jaf lill-parte civile stante li kien jahdem mal-istess kumpanija. Jghid li l-parte civile Joseph Bugeja kien sewwieq tal-crane u li dejjem haddem bit-trakk mertu tal-kawza. Izid jghid li t-trakk mertu tal-kawza kien tajjeb biex jintuza u li l-impjegati jinghataw il-bzonnijiet kollha sabiex jahdmu u cioè zraben tas-sigurtà, gakketta u par ingwanti. Jghid li mbaghad skont il-bzonn l-

impjegat jista' jinghata iktar oggetti a rigward is-sahha u s-sigurtà. Jixhed li hu ma kienx fuq il-post meta sehh l-allegat incident izda mar wara.

Jikkonferma li hu sar jaf bl-incident meta kkomunika mieghu certu Peter u infurmah b'dan kollu. Jixhed ukoll li l-parte civile kien ha sehem f'kors sabiex ikun jista' jopera crane. Izid jghid li fil-fatt kien attenda l-kors mal-istess parte civile. Jghid ukoll li filwaqt li ma jafx jekk sehhx health risk assessment kien hemm Ufficjal tas-Sahha u s-Sigurtà fuq is-sit fejn sehh l-incident.

Illi xehed Ian Napier li jghid li hu jahdem ma' Polidano Brothers Ltd bhala General Manager fejn jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpanija. Jghid li l-imputat Peter Paul Caruana gie impjegat mal-kumpanija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu 2011. Jixhed li hu ghandu kompetenza tajba hafna ghall-kariga ta' Project Manager. Jixhed li fir-rekords tal-kumpanija hemm zewg (2) certifikati mahrugin mill-istituzzjoni edukattiva tal-MCAST li hu kien attenda kors ta' Effective Management. Izid jghid li tali kors kien organizzat minn kumpanija bl-isem ta' Bovis. Jixhed li l-ezami kien jittiehed online u kien jirrigwarda materjal li ghandu x'jaqsam mas-sahha u

s-sigurtà kif ukoll affarijiet amministrattivi. Jghid ukoll li l-imputat Peter Paul Caruana hadem ghal madwar hdax (11)-il sena ma' Gasan Properties u anke sitt (6) snin jahdem gewwa Tignè u Manoel Island mal-kumpanija MIDI. Izid jghid li t-tip ta' xoghol mal-kumpanija MIDI kien l-istess tip ta' xoghol li kellu mal-kumpanija Polidano Brothers Ltd.

Ikompli jixhed li l-kumpanija Polidano Brothers Ltd ghandha policy fejn dak kollu li l-haddiema ghandhom bzonn bhala Personal Protective Equipment (PPE) jinghatalhom u dan kemm jekk rikjest mill-haddiema jew anke mis-Site Supervisor. Jixhed li meta haddiem jibda' jahdem mal-kumpanija hu jinghata dak kollu li hu baziku biex jipprotegi ghajnejh, biex ikun vizibbli, biex jipprotegi rasu, biex jipprotegi jdejh tramite ingwanti kif ukoll zraben apposta. Jixhed li ghal progett mertu tal-kawza l-kumpanija kienet ingaggat lil AME Ltd sabiex thejji pjan ghas-sahha u s-sigurtà.

Jghid li l-prassi huwa li jkun hemm zewg (2) prattikanti tas-sahha u s-sigurtà. Fil-kaz inezami kien hemm l-AME Ltd ingaggat mill-kumpanija Polidano Brothers Ltd filwaqt li t-Transport Malta kellhom rapprezentant taghhom. Ikompli jixhed li a rigward il-

crane mertu tal-kawza kien ERF High-Up Crane li kien jintuza sabiex tghabbi fuqu u thott minn fuqu. Fiz-zmien tal-incident dan l-istess trakk kien iccertifikat minn terza persuna certu Inginier Desira. Dan l-istess jista' jinghad ghal wara li sehh l-incident. Izid jghid li dakinhar tal-incident kien il-bidu inizjali tal-progett. Jixhed ukoll li l-parte civile kien inghata t-tahrig korrett sabiex jopera crane. Dan it-tahrig kien sar mill-Kamra tal-Inginiera. Ikompli jixhed li l-parte civile seta' jnizzel il-barriers minghajr ma kellu bzonn jaghmel il-manuvri li ghamel dakinhar.

Illi xehed l-imputat **<u>Joseph Camilleri</u>** minn jeddu li jghid fiz-zmien li sehh l-allegat incident hu kien imqabbad minn grupp ta' konsulenti ingaggati mit-Transport Malta li kien jisimhom Kocks Consult GmbH u cioè kumpanija barranija. Jghid li tali kumpanija kienet rapprezentata minn kumpanija ta' Periti u cioe` Malta Cassar Grech Ebejer. Izid jghid li din l-ahhar kumpanija kienet avvicinatu sabiex jaghmel xoghol relatat ma' Sahha u Sigurtà. Jghid li f'dan ix-xoghol hu kien jokkupa l-pozizzjoni ta' Project Supervisor a rigward is-Sahha u s-Sigurtà li ghandu x'jaqsam mal-progett ta' Marfa Road gewwa c-Cirkewwa. Ikompli jixhed li f'dan il-progett hu kien jappartjeni ghal parti minnu stante li l-OHSA tobbliga lil

klijent (u cioè Transport Malta) sabiex jissottometti construction notification form.

Izid jghid li a rigward din il-formola din hija notifika fejn wiehed jaghti informazzjoni ta' min huwa involut fil-progett. Tali dokument jista' jigi mhejji kemm mill-klijent kif ukoll mill-Project Supervisor. L-informazzjoni jikkonsisti f'dettalji dwar ix-xoghol, dwar meta ser jibda l-progett, kemm ser ikun hemm nies u ohrajn. Izid jghid li d-dati elenkati fuq dawn il-formoli huma biss indikazzjonijiet ta' meta ser jibda l-progett. Jixhed ukoll li meta tintbaghat il-formola tan-notifika, l-OHSA tibghat lura konferma li rceviet tali formola u dan billi tibghat dak li jissejjah Formola B. Tali formola trid timtela bl-istess tip ta' dettalji izda bid-differenza li din trid titwahhal fuq is-sit fejn ser isehh il-progett. Jixhed li dan kollu sehh fi stadju ta' design liema stadju ma jkunx involut fih. Ikompli jghid li wara li jkunu tlestew id-dokumenti kollha l-Project Supervisor jipprepara Health and Safety Plan li tigi mghoddija lill-klijent kif ukoll lill-kuntrattur. Malli l-kuntrattur jipprepara r-risk assessment dan jigi mghoddi lilu mal-Health and Safety Plan u dan tramite l-kumpanija Cassar Grech Ebejer u Kocks Consult.

Ikompli jixhed li f'dawn it-tip ta' progetti hu jkun qieghed f'komunikazzjoni kontinwa u formali hafna mal-partijiet involuti. Izid jghid li d-data ta' meta ser jibda l-istadju tal-kostruzzjoni tal-progett mertu tal-kawza qatt ma kien irceviha. Jixhed li hu jidhol fix-xena ma' dan l-ahhar stadju u mhux f'dak ta' design. Jghid li d-data ppjanata ghal fazi ta' kostruzzjoni kienet il-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena 2011 (u cioè hamest ijiem qabel ma sehh l-incident mertu tal-kawza). Jixhed però li tali data pjanata ma kinitx giet attwata. Jghid li fil-fatt il-permess ghax-xoghol hareg fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tal-istess sena. Jghid li kienu saru laqghat bejn Transport Malta, il-konsulenti u l-kuntrattur fit-tmienja (8) u s-sittax (16) t'April 2011 u li hu ma kienx involut fihom. Jghid li dan jista' anke jikkonfermah certu Juan De Esquivel li huwa s-Site Engineer imqabbad minn Kocks Consult u Casssar Grech Ebejer.

Illi xehed <u>il-Perit Mario Grech</u> li jghid li a rigward il-progett pjanat fi Triq Marfa, Mellieha fis-sena 2011 l-irwol tieghu kien li jassisti l-kumpanija Germaniza mqabbda mit-Transport Malta sabiex taghmel xoghol ta' project management. Jixhed li bhala persuna responabbli fuq sahha u sigurtà hu kien issuggerixxa lill-imputat

Joseph Camilleri. Ikompli jghid li dan il-progett kien jinvolvi hafna nies u li kwalunkwe korrispondenza kienet min-naha tat-Transport Malta u indirizzata lill-Project Leader u cioè l-kumpanija Germaniza Kocks Consult filwaqt li din l-istess kumpanija kienet tikkomunika lill-imputat Joseph Camilleri. Jghid li tali komunika kienet issir wara li tkun sehhet laqgha bejn il-klijent u l-Project Leader u tkun inharget Commencement Notice lil kulhadd li jkun involut fil-progett. Din in-notifika harget ferm wara li sehh l-incident. Izid jghid li l-Health and Safety Plan gie mhejji minn kumpanija li giet inkarigata mit-Transport Malta. Jghid ukoll li ma jafx jekk l-Awtorità tal-Ippjanar kinitx taf bil-Commencement Notice izda li kellu jkun il-perit tal-progett li kellu jinforma lil din l-Awtorità.

Ikompli jixhed li l-prassi fir-rigward tal-OHSA hi li tintbaghat formola ta' Construction Notice. Jixhed li tali formola tinsab a fol. 88 tal-atti processwali u li fiha hemm indikat li din il-formola mtliet fil-hmistax (15) ta' April tas-sena 2011 u li d-data skedata ta' meta l-progett kien ser jibda hi dik tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April 2011. Tali dokument gie sottomess fid-dsatax (19) ta' April 2011 u fiha hemm il-firma tal-imputat Joseph Camilleri fil-kapacità ta'

Health and Safety Supervisor. Jikkonferma wkoll li d-data ta' meta dan id-dokument gie ffirmat huwa fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu 2011. Ikompli jixhed li dan ir-rwol li kellu l-imputat kien jinvolvi l-analizi tad-dokumenti li kienu qeghdin jaghmlu l-Ufficjali tas-Sahha u s-Sigurtà tal-kuntrattur (cioè Polidano Brothers Ltd). Ikompli jghid li xoghol iehor tal-imputat kien li jhejji rapport dettaljat kull xahar a rigward l-infiq tal-flus kif ukoll dwar is-sahha u s-sigurtà. Jixhed ukoll li l-imputat Joseph Camilleri kien jaghmel onsite visits izda a rigward dan il-progett hu ma kienx obbligat li jaghmel tali spezzjonijiet. Jixhed li ma jafx jekk il-Commencement Notice tohrogx mill-OHSA.

Illi xehed l-imputat <u>**Peter Paul Caruana**</u> minn jeddu li jghid li huwa gie ingaggat mill-kumpanija Polidano Brothers Ltd fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena 2011 u dan bhala Site Coordinator. Jghid li din il-kariga tinvolvi li wiehed jorganizza s-sit tax-xoghol. Fil-progett tal-kaz odjern dan kien jikkonsisti f'zona ta' zewg kilometri u nofs fejn triq kellha tigi maghluqa ghax-xoghlijiet. Jippreciza li hu jkun qieghed isegwi l-programm ta' xoghlijiet u li dan il-programm qieghed jigi segwit. Jghid li jsegwi wkoll l-istruzzjonijiet tal-Project Manager, tal-perit kif ukoll tal-Ufficjali

tas-Sahha u Sigurtà. Jghid ukoll li hu mal-kumpanija kien jahdem mit-Tnejn sal-Gimgha. Ikompli jghid li hu juza s-Sibt sabiex jaghlaq ix-xoghol ta' dik il-gimgha. Izid jghid li hu kien iwiegeb ghal Project Manager li dak iz-zmien kien certu perit jismu Joe Cachia.

Ikompli jixhed li dakinhar tal-allegat incident hu ma kellux ghalfejn jidhol xoghol stante li l-progett seta' jsehh minghajru izda hu dahal minn jeddu. Jghid li l-progett seta' jitkompla minghajru stante li l-parte civile kien gie mibghut jibda x-xoghol li jhott il-barriers tal-konkos u dan sabiex jissepara t-triq minn mal-progett. Jghid li meta sehh l-incident dan kien fl-istadju inizjali. Jghid li l-barriers fihom zewg metri bhala tul u huma metru gholi. Jghid ukoll li kien jintuza t-trakk li kien fih crane sabiex il-parte civile ikun jista' jhott dawn il-barriers. Izid jghid li t-trakk huwa gholi madwar metru u tletin centimetri minn mal-art kif ukoll metru iehor mit-trakk 'il-fuq. Jixhed li l-parte civile kellu bzonn jgholli l-crane madwar tnax (12) jew hmistax (15)-il pied. Jixhed ukoll li l-cable kien gholi madwar hamsin (50) pied. Jixhed li hu ma huwiex responsabbli ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-sahha u sigurtà.

Jghid ukoll li fid-dsatax (19) ta' Mejju 2011 il-kumpanija Polidano Brothers Ltd kienet baghtet ittra lilu bi proposta sabiex jigi appuntat Accident Prevention Officer. Jghid però li hu rrifjuta din il-kariga stante li hass li hu ma kienx espert fuq dan il-qasam. Jghid li fiz-zmien li sehh l-incident kien qieghed isegwi kors tas-Sahha u s-Sigurtà. Jghid ukoll li l-parte civile kien inghata t-tahrig necessarju sabiex ikun jista' jopera l-crane. Izid jghid li meta sehh l-incident hu ma kienx fuq il-post stante li kien qieghed l-ufficcju jlesti x-xoghol amministrattiv. Jixhed li fil-fatt li kienu qalulu bl-incident tramite telefonata u dan wara li telaq mill-post sabiex ikompli jahdem gol-ufficcju. Jixhed li normalment imur onsite u fil-fatt dakinhar hekk ghamel sabiex jara li kollox kien qieghed miexi sew.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati treggi legalment u dan ghaliex kif jghid **il-Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioè oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **<u>Miller vs. Minister of Pension</u>** - 1974 - 2 ALL ER 372 fejn inghad illi:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi l-kaz inezami si tratta ta' feriti gravi involontarji sancit mill-Artikolu 225 (liema artikolu ghandu x'jaqsam mal-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid hekk:

> *"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna ...".*

Illi din il-Qorti kif diversement preseduta digà ppronunzjat ruhha fuq kawza simili ghal dik odjerna fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Adrian Zammit*** deciza fit-22 ta' Jannar tas-sena 2024. Tali sentenza rriteniet hekk:

> *Illi l-Artikoli 225 tal-Kodici Kriminali li bih gie akkuzat l-imputat, jirrigwardjaw reati fejn persuna tmut jew tkorri minhabba traskuragni, nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom, jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova nexus bejn in-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u dak li jkun gara. Dak li issa trid tara din il-Qorti huwa, jekk tressqux provi li kien hemm rabta bejn l-imputat u l-event dannuz. Dak li din l-Qorti trid tara huwa, jekk kienx hemm xi nuqqas t'osservanza da parti tal-imputat, tar-regolamenti applikabbli, jew xi nuqqas ta' hsieb u/jew traskuragni.*
>
> *F'dan l-isfond, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, fit-18 ta' Frar,*

*2020, fl-ismijiet,* ***Il-Pulizija vs Joseph Cortis****. F'dik is-sentenza saret referenza ghas-segwenti gurisprudenza:*

*…*

*Saret referenza wkoll ghall-Appell Kriminali, fl-ismijiet,* ***Il-Pulizija vs Richard Grech****, deciz fil-21 ta' Marzu, 1996, fejn intqal: -*

> *Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil- kaz konfet,*

> *kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*

*Il-Qorti tal-Appell kompliet billi ghamlet referenza ghall-Appell Kriminali,* ***Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg****, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-31 ta' Lulju, 1998, fejn gie osservat : -*

> *Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju.*

*Dik il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ukoll ghal dak li l-Professur Sir Anthony Mamo jghid, fin-Noti tieghu f'pagna 67: -*

> *In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable...The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to*

*reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."*

Illi huwa car li r-regola generali hija li l-Prosekuzzjoni ghandha tressaq bizzejjed provi sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti li hemm ezistenti ness bejn in-nuqqas da parti tal-imputati li jzommu l-haddiema taghhom 'il boghod minn kwalunkwe periklu fuq il-post tax-xoghol.

Illi fuq dan il-punt hareg bic-car tramite diversi xhieda li l-parte civile kien inghata tahrig addattat mill-Kamra tal-Inginiera tant li fil-fatt ghadda minnu. Il-Qorti tinnota mix-xhieda tal-Inginier Godfrey Muscat li parti sostanzjali mill-kors kien jirrigwarda dwar kif wiehed ghandu jopera crane u sahansitra anke waqt li jkun hemm kurrent tal-elettriku ghaddej fil-vicininanzi.

Illi qieghda ssir referenza ghal dak li tenniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Norbert Grixti*** deciza fit-13 ta' Lulju tas-sena 2023 ghall-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fl-isfond tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Illi l-aggravji tal-appellant huma li l-Ewwel Qorti ma messha qatt sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dan ghaliex hu ma kienx jahti kriminalment tenut kont li mill-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti ma rrizulta ebda nuqqas ta' hsieb, traskurahni, nuqqas ta' hila fl-arti u fil-professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti. Jishaq li l-Prosekuzzjoni sahansitra ddeskrivietu bhala "pijunier fil-Health and Safety fuq il-post tax-xoghol u dan ghall-isforzi tieghu fis-settur". Jghid li minkejja li l-incident sehh fil-21 ta' April 2009 pero' l-ewwel smigh il-Qorti kien fit-12 ta' April 2012 liema dewmien, skont hu, juri li l-Prosekuzzjoni kienet ezitanti ferm milli tipprocedi kontra tieghu. Jghid li barra dan l-Ewwel Qorti naqset meta ma zammet l-ebda access fuq il-post tax-xoghol u li r-ritratti u l-brochures li l-*

*Ewwel Qorti strahet fuqhom ma kienux jikkostitwixxu l-ahjar prova.*

*...*

*Illi b'riferenza għall-ewwel (1) imputazzjoni din il-Qorti tirreferi għas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Dicembru 2019 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Mario Gatt*** *(Numru 209/2019), liema sentenza ghamlet riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Richard Grech*** *(per Imhallef V. De Gaetano) li giet moghtija fil-21 ta' Marzu 1996 fejn inghad hekk:*

> *"jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtù, tikkonsisti f'illi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu ppreveda li setghu jikkahunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, però, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku*

> *kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta."*

*Illi sentenza ohra li kkunsidrat l-elementi ta' Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (liema artikolu ghandu x'jaqsam ma' Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) hija dik fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli*** *(per Imhallef Dr. J. Flores) li giet moghtija fl-4 ta' Frar 1961 fejn inghad hekk:*

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti –* ***li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita', minn event dannuz involontarju.***

*Għandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus paterfamilias": dik il-kondotta, cioè, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li, filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II 27. P.46)."*

…

*Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323): biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghall-*

*konsegwenzi dannuzi lil terzi. Il-komuni jew l-esperjenza teknika, cioè l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari, tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi tal-ohrajn jigu pregudikati.*

*Fil-fatt jghid hekk:*

> *"Sorgono per tal modo, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco é tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto é possibile, conseguenze nocive per i terzi.... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei*

*stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, é la conseguenza caratteristica del reato colposo, perché nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi."*

Illi attenzjoni partikolari qieghda tingibed lejn il-parti tas-sentenza sucitata fejn il-Qorti tal-Apppell Kriminali ezaminat sew il-fatti tal-kawza. Irrizultalha li fil-fatt l-appellant kien, fuq bazi ta' probabbilità, ha passi necessarji sabiex jizgura li l-haddiema tieghu kellhom it-tahrig xieraq, filwaqt li ta kaz sabiex ma jkunx hemm possibbiltà ta' periklu fuq il-post tax-xoghol:

*"Illi skont dak li qalet il-parti leza Cassar lill-iSpettur hija ma kellhiex tahrig fuq il-magna. Imma fil-fehma ta' din il-Qorti d-difiza rnexxielha tipprova almenu fuq bazi ta'*

*probabilita' li xi tahrih kellha. L-ewwelnett il-lukanda kienet qed tuza sistema ta' job coaches li setghu jlehhqu ma' kulhadd. It-tieni kien hemm l-avviz generali li jekk ikun hemm diffikulta' jigu nfurmati tal-maintenance ghaliex dawn ikunu jistghu jsolvu problema ahjar. It-tielet, skont ix-xiehda tal-appellant innifsu, Victoria Cassar kienet taf kif tipprogramma l-magna u kif tistartjaha.*

*Illi, minn dak li nghad fil-paragrafu precedenti, din il-Qorti tista' serenament tikkonkludi li xi forma ta' struzzjoni fuq il-magna kien hemm. Kieku l-parti leza Cassar ma kellhiex tahrig, kieku ma kinitx tipprogramma u tistartja l-magna! Ukoll jekk haddiem ma jkunx inghata l-manual tal-magna, dan in-nuqqas mhux bilfors ikun kagun tal-incident. In fatti, per ezempju, jekk sewwieq ta' vettura jkollu dak it-taghrif baziku biex isuq il-vettura huwa mhux bilfors ikun jifhem kif tahdem il-vettura."*

Illi maghdud ma' dan il-Qorti hija konsapevoli ta' dak li kkonkluda l-espert PL Mario Buttigieg fejn a fol. 73 tal-proces verbal hu jghid hekk:

> *"Illi fl-opinjoni tal-esponent kien hemm livell ta' traskuragni min-naha ta' Joseph Bugeja u dan peress li wara li Polidano tah it-tahrig miehtieg kien jaf bizzejjed li sabiex imnizzel il-jersey blocks minn fuq il-kaxxa ghal go triq ma kellux ghalfejn jiftah il-boom fuq tlieta. Kieku halla l-boom maghluq hu qatt ma kien jiehu shock bl-elettriku."*

Illi huwa car ukoll li dan l-incident sfortunat sehh anke minhabba l-fatt li l-parte civile stess naqas li jopera l-crane bhala *bonuspater familias*. Din anke hija riflessa mill-imgieba tieghu qabel ma sehh l-incident fejn halla l-crane mixghul waqt li wiegeb ic-cellulari. Gie ritenut matul dawn il-proceduri li l-parte civile ma kellux ghalfejn jopera l-crane b'tali mod li kien ser ikun kwazi qieghed jolqot il-cables ta' fuqu. Oltre minn hekk il-parte civile kien jaf ben sew il-kundizzjonijiet tat-temp tant li hu stess ammetta li stenna madwar ghaxar (10) minuti sabiex tieqaf ix-xita.

Illi min-naha l-ohra l-imputati Carmel u Paul Polidano ghamlu dak kollu li hu possibbli sabiex jizguraw li l-parte civile kien qieghed jahdem f'ambjent sigur. Hareg bic-car li l-istess imputati organizzaw kors ghall-parte civile u li parti min dan il-kors kien

jikkonsisti fuq l-operat ta' crane kif ukoll dwar il-possibbiltà li jkun hemm kurrent tal-elettriku fil-vicinanzi.

Illi ghalhekk din il-Qorti qieghda taghmel taghha l-konkluzjonijiet tar-rapport redatt mill-espert PL Mario Buttigieg fir-rigward tan-nuqqas tal-parte civile u sejra tqis dan kollu fil-prolazzjoni tas-sentenza.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi ghal dak li jirrigwardja l-imputazzjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta l-istess sentenza tistipula hekk:

> *"Illi dwar l-aħħar element tal-Artikolu 225 imsemmi ċioè "b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti" u fid-dawl tal-imputazzjonijiet l-oħra addebitati fil-konfront tal-appellant, din il-Qorti tinnota s-segwenti:*
>
> - *Fir-rigward ta' Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta (it-tieni (2) imputazzjoni): il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li l-appellant ma*

*kienx qed jagħmel l-evalwazzjonijiet li kellu jagħmel skont il-liġi tant li meta l-ħaddiema garrew minħabba s-sħana huwa ħa passi mal-ewwel sabiex l-inkonvenjent jitnaqqas u meta kellhom jitbiddlu l-policies inbidlu wkoll.*

- *Fir-rigward ta' Regolamenti 4 u 10 tal-Avviż Legali 36 tal-2003: il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-appellant ma għamilx l-evalwazzjonijiet xierqa tar-riskji li x-xogħol kien jinvolvi jew li b'xi mod jew ieħor huwa naqas milli jħares is-sigurta' fuq ix-xogħol.*
- *Dwar l-aħħar żewġ imputazzjonijiet diġà ngħad aktar 'il fuq li l-Avviż Legali 282 tal-2004 (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.30 tal-Liġijiet ta' Malta) ġie revokat b'Avviż Legali 293 tal-2016."*

*Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova ebda ksur tar-regolamenti taħt it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni waqt li r-regolamenti taħt il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni kienu abrogati qabel ma ngħatat is-*

*sentenza appellata. B'hekk l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rigward tal-imputazzjonijiet imsemmija qed jiġu milqugha b'dan illi l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta sabet lill-appellant ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet imsemmija minn liema imputazzjonijiet din il-Qorti qed tillibera lill-appellant.*

***Illi jerġa' jiġi ribadit li anke kieku kien hemm ksur tar-regolamenti, irid ikun hemm ness bejn il-ksur tagħhom u l-akkadut u dan skont il-ġurisprudenza ċċitata aktar 'il fuq b'dan illi f'dan il-każ ebda ksur tar-regolamenti ma kien ippruvat.***[1]

Illi din il-Qorti ser taghmel taghha l-argument ta' din is-sentenza citata b'dana li sejra tanalizza bir-reqqa jekk kienx hemm nuqqas jew nuqqasijiet da parti tal-imputati, jew min minnhom, li ghalhekk wasslu ghat-tbatija li kellu jsofri l-vittma.

Illi a rigward l-imputat Peter Paul Caruana kif digà gie spjegat iktar 'il fuq il-parte civile nghata t-tharrig kif suppost filwaqt li gew

[1] Emfazi tal-Qorti

ingaggati lill-esperti necessarji (u cioè AME Ltd) sabiex ihejju risk assessment plan. Di fatti x-xhud Mario Camilleri esplicitament ikkonferma li l-istess imputat kien efficjent ghal dak li ghandu x'jaqsam is-Sahha u s-Sigurtà.

Illi di più hareg bic-car li fiz-zmien li sehh l-incident l-istess Peter Paul Caruana ma kienx inkarigat biex jassigura li jigu evitati l-incidenti fuq il-post tax-xoghol u dan anke tramite ittra li gietipprezentata li turi li hu kien gie maghzul ghal dik ir-responsabbilità fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena 2011 u cioè wara li sehh l-incident.

Illi a rigward l-imputat Joseph Camilleri l-Qorti tinnota li diversi drabi matul dawn il-procedimenti gie kkonfermat li fid-data li sehh l-allegat reat il-progett kien ghadu fi stadju inizjali. Fix-xhieda tieghu l-imputat jghid li hu jkollu x'jaqsam mal-fazi tal-kostruzzjoni. Il-Qorti però hija tal-fehma li l-imputat kien gie mahtur bhala l-persuna idonea ghas-sahha u s-sigurtà u li allura kien jinkombi fuqu li jara kif jaghmel u jidhol fit-tahdidiet ta' dan il-progett. Referenza qieghda ssir ghal dak li kkonkluda l-espert PL Mario Buttigieg a fol. 73 tal-proces verbal:

*"Illi rrizulta b'mod lampanti illi li kieku [Joseph] Camilleri bhala project supervisor for the construction stage qara' r-rapport li ghamlu l-ABD Health and Safety Services kien jgharraf li kien hemm periklu u hemm hu seta' jinforma lil co-ordinatur ta' Polidano bil-perikli li kellu dan il-post."*

Illi Qorti sejra tabbracja din il-konkluzjoni u taghmilha taghha. F'dak li ghandha x'taqsam il-hames (5) akkuza però l-Qorti tinnota li l-avviz legali 281/2004 gie mhassar u ghalhekk id-dispozizzjoni tal-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa applikabbli:

*"Jekk il-piena stabbilita mil-ligi li tkun issehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar ir-reat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi."*

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) akkuza.

Illi l-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li l-istess imputat Joseph Camilleri kien gie mahtur bhala ufficjal tas-sahha u s-sigurtà. Oltre minn hekk din il-Qorti terga' ttenni dak li qalet qabel u cioè li parti mir-raguni ghalfejn sehh l-incident kien minhabba l-fatt li l-parte civile seta' joqghod ferm izjed attent. Però l-Qorti tinnota x-xhieda ta' Ray Barbara u Nicholas Debono fis-seduta datata ghaxra (10) t'Ottubru 2016.

Illi dawn iz-zewg (2) xhieda kienu rriferew ghar-risk assessment plan fejn kien intqal hekk a fol. 238 u 239 tal-proces verbal:

> *"The contractor should notify the client sufficient time in advance to remove, isolate or relocate overhead power lines and other overhead supplies when the undertakings involve a risk of electrocution or damage caused by direct contact of equipment or installation"*

Illi jidher li kien car li l-ahjar mod ta' kif wiehed kellu jopera dan il-progett kien billi jaqta' s-servizz tad-dawl fiz-zona mertu tal-kawza. Maghdud ma' dan din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehed Eric Montfort inrapprezentanza tal-Enemalta li kkonferma

li f'dak il-perjodu l-korporazzjoni qatt ma rceviet talba sabiex jinqata' d-dawl.

Illi l-fatt li l-parte civile kellu responsabbilità ghal dak li gralu ma jezonerax lill-imputat. Dan huwa anke rifless fil-kazistika tal-Qrati nostrani li jitkellmu dwar il-kuncett tan-negligenza kontributorja.

Illi fuq dan il-punt referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Sultana*** deciza fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru 2011 fejn jinghad hekk:

> *"In kwantu ghat-tieni aggravju l-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma sabet ebda negligenza kontributorja da parti ta' Carmel Sacco u rriteniet lill-imputat unikament risponsabbli tal-incident. In tema ta' negligenza kontributorja tajjeb jinghad qabel xejn li n-negligenza kontributorja tat-terz ma tezonerax lill-appellant mir-responsabbilta' tieghu ghall-incident ghaliex kif gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna in-negligenza kontributorja ma tezonerax lis-sewwieq*

*sakemm ma tkunx il-kawza unika tal-incident. B'danakollu din il-Qorti hi tal-fehma li verament kien hemm element ta' negligenza kontributorja da parti ta' Carmel Sacco u ghalhekk, fl-eventwalita' li din il-Qorti tikkonferma l-htija tal-appellant hija sejra tipprovdi ghal temperament fil-piena."*

Illi din is-sentenza titkellem dwar incident tat-traffiku izda b'analogija dan ir-ragunament jista' facilment jigi applikat fil-kaz de quo. Ghalhekk din il-Qorti sejra tabbraccja l-konsiderazzjonijiet tal-Qrati Superjuri u taghmilhom taghha b'dana li kien evidenti li l-persuna inkarigata bhala ufficjal tas-sahha u s-sigurtà u cioè Joseph Camilleri kellu javza lill-kuntratturi sabiex jikkomunikaw mal-korporazzjoni Enemalta sabiex taqta' s-servizz tad-dawl izda dan ma sarx.

<u>**Decide**</u>

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 (f) u 226 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 6 u 38 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib:

1. Lill-imputat **Joseph Camilleri** hati tal-ewwel (1) akkuza u tikkundannah ghal multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500), filwaqt li a rigward il-hames (5) akkuza ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha;
2. Lill-imputati **Carmel Polidano, Peter Polidano** u **Peter Paul Caruana** mhux hatja stante nuqqas ta' provi u tilliberahom minn kull htija u piena.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**